MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 887/2009

**Asia Arts Limited (C26900)**

**vs**

**Ramon Anastasi (ID 580485(M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fil-15 ta’ Settembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta attrici forniet lill-konvenut intimat outdoor furniture li kienet tikkonsisti f’sufanijiet, imwejjed u siggijiet, fis-somma globali ta’ erbatax-il elf hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u erba centezmi (Ewro 14,528.04c) u minn liema somma l-konvenut hallas disa mitt ewro akkont (Ewro 900) fil-5 ta’ Gunju 2009.

2. Illi ghalhekk l-konvenut baqghalu jhallas lis-socjeta attrici bilanc fis-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u erba centezmi (Ewro 13,628.04c) u dan kif jirrizulta mill-anness prospett anness u markat Dok A.

3. Illi s-socjeta attrici ghamlet diversi tentattivi biex tfakkar lill-konvenut ihallas izda inutilment tant li zewg cekkijiet li ghadda dan l-ahhar l-konvenut lis-socjeta attrici gie 'referred to drawer'.

4. Illi l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tikkundanna lill-istess konvenut intimat ihallas lis-socjeta attrici s-somma tlettax-il elf sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u erba centezmi (Ewro 13,628.04c) bilanc ta' somma akbar, bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-5 ta' Gunju 2009 u bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru nru 2675/09 kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Anna Mallia ghas-socjeta' attrici fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2010 tikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' attrici kienet ghadha ma thallset xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u erba centezmi (Ewro 13,628.04c), dovuta kif inghad.

Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------